li *l-poeżija vera u tajba hi aktarx dejjem bint l-uġigħ*, kif, barra minn oħrajn, igħid f'waħda mill-poeżiji tiegħu Anton Buttigieg. Għal dawk il-ħbieb li ħadu grazzja mal-Poeżija u jixtiequ għada pitgħada jkunu wliedha fis-sewwa għandi dan il-parir: "Aqraw, aqraw, aqraw kemm tifilħu. Mhux taqraw biss għandkom, imma tixtarru tajjeb u bil-għaqal kull ma taqraw. Għarblu sewwa t-tifsila tal-versi, il-ħsieb jew ħsibijiet, kull kelma fir-rabta li jkollha ma' kliem ieħor, u l-mixi meqjus mad-daqq ta' din jew dik il-poeżija. Jekk, flimkien mal-Malti, tafu u tifhmu ilsna oħra barranin, aqraw kemm poeżiji tistgħu f'dawk l-ilsna. Meta tiktbu xi poeżija, fittxu li jkollkom xi ħaġa ġdida xi tgħidu; u qisu u żommu f'raskom li inqas ma tinqdew bi kliem biex tfissru ċar dak li jkollkom tgħidu, wisq aħjar. Jekk ma tridux tafu bir-reguli tal-Prosodija, affarikom. Biss emmnu li ħadd ma tar bla ġwienaħ—jekk mhux fuq xi ajruplan jew fi 'spaceship'—u li ħadd ma twieled igħallem'l ommu meta kien għadu tarbija tal-ħalib. Ftakru wkoll li naqraw kemm naqraw u nitgħallmu kemm nitgħallmu, qatt ma nkunu nafu kollox jew biżżejjed. Imma mbagħad la taqtgħux qalbkom. Biex wieħed jissokta, jeħtieġlu qabel xejn jagħti bidu. U, kif idoqq u jgħallem wisq tajjeb il-qawl Malti: "Kull mibdi mitmum!"

## TWISSIJA LILL-IMSEĦBIN

**Infakkru lill-imseħbin biex jibagħtu mill-aktar fiss il-ħlas tagħhom ta' l-abbonament fi "Il-Malti" jekk jixtiequ li r-rivista tagħna tibqa' taslilhom bħas-soltu.**

**Dawk l-imseħbin li sa ma jasal biex joħroġ il-għadd ta' Settembru jkunu għadhom lura fil-ħlas tad-dritt tagħhom ikollna, wisq kontra qalbna, inwaqqfulhom l-impustar ta' "Il-Malti".**



## SERĦIEN

*Ta'* JOE BUSUTTIL

Ma hawnx serħien!
Fittixt; għalxejn!
Ħlief qtigħ il-qalb ma sibtx!
Ħarist 'il fuq, lejn l-art,
Ma lmaħtx ħlief għeja, dlam!

Jien ħkejt; għalxejn!
Għalxejn tnehidt!
Kien kiesaħ fuq ħaddejja d-dmugħ;
Tkiddejt, intfejt, x'ħin tnin u tmut
Smajt karbti, bħal twerżiq miġnun!

Sfajt waħdi, miblugħ!
Sfajt waħdi, jien biss!
Għalija m'hemmx serħien!
Għalija ebda kenn!
Għalija biss thewdin!

U talbi għajjien,
Bla tama, tkasbir!
Iżd'hekk kif tmut it-tama u jien,
Ma' l-aħħar dieqa toħroġ ruħi
Minn ġismi mejjet. F'ismi tgħid:

Fid-dlam ħallieni, iżda nsieni qatt!
It-tajfa tħares ħiemda b'qalb tal-blat...